MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 355/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian J. Abdilla**

**vs**

**Joseph Brincat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Brincat ta’ 45 sena iben L’Henry u Doris nee’ Williams imwieled Valletta fl-24 ta’ Novembru 1960 u residenti Marika Apartments, Flat 7, Triq Gulju, San Pawl l-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 8661(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-perjodu bejn 1 ta’ Mejju 2006 u t-30 ta’ Lulju 2006, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-Joseph Brincat ghal hlas ta' spejjes li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Ottubru 2007 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali u cioe' li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz f'dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika. Dawn l-akkuzi gew mahruga wara li l-Pulizija rcevew rapport minghand Veronica Brincat li kienet mart separata tal-imputat, ghaliex il-konjugi Brincat kienu ghadhom kemm isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kopja tieghu tinsab inserita a fol. 27 sa 34 tal-process, fejn din allegat li l-imputat kien

hadilha xi cedoli rigwardanti deheb li kellha depozitat il-Monte di Pieta' u mar jigbed dan id-deheb. Meta l-Pulizija kellmu lill-imputat (ara stqarrija minnu rilaxxjata a fol. 50 tal-process huwa kkonferma li kien gibed id-deheb mill-Monte di Pieta' wara li kien hallas l-ammont ta' flus rikjest izda qal li c-cedoli relattivi kienet tathomlu martu stess f'mument ta' rabja qabel ma sseparaw wara li huwa kien staqsiha diversi drabi dwar id-deheb u hija kienet qaltlu li d-deheb kien il-Monte di Pieta', tatu c-cedoli u qaltlu li jekk irid seta' jmur jigbor dan id-deheb.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li meta ingibed id-deheb il-partijiet kienu ghadhom fi proceduri ta' separazzjoni u li l-imputat kien prezenta Mandat ta' Sekwestru f'idejn il-Monte di Pieta' sabiex id-deheb ma jigix rilaxxjat (ara xhieda tar-rapprezentant tal-Monte di Pieta' Louis Sant'Angelo a fol. 35 et sequitur tal-process) izda meta martu tatu ic-cedoli huwa kien hareg kontro-mandat u mar jigbed id-deheb. Wara li l-Monte di Pieta' hadu parir minghand l-Avukat Generali sabiex ikunu certi li jistghu jirrilaxxjaw id-deheb lil persuna li qabel kienet ghamlet mandat ta' sekwestru fuq dan id-deheb, huma inghataw il-parir li d-deheb seta' jigi rilaxxjat ghaliex ic-cedoli relattivi kienu rilaxxjabbli lil 'bearer' u ghalhekk id-deheb seta' jigi rilaxxjat lil min jipprezenta ic-cedoli u jhallas l-ammont li ghalihom id-deheb ikun inghata b'rahan.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni dwar lil min ghandha temmen miz-zewg konjugi Brincat u cioe' jekk hijiex aktar kredibbli il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Veronica Brincat li l-imputat serqilha ic-cedoli u mar jigbed id-deheb jew altrimenti il-verzjoni moghtija mill-imputat u cioe' li kienet l-istess Veronica Brincat li tatu c-cedoli u huwa mar jigbed id-deheb. Dan jinghad ghaliex il-Qorti jidrilha li anki kieku kellha temmen il-verzjoni moghtija minn Veronica Brincat xorta wahda ma tistghax issib htija skond l-akkuza kif dedotta ghaliex il-fatti tal-kaz kienu jinkwadraw ruhhom f'akkuza ta' serq u mhux fl-akkuza kif dedotta ghaliex

minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-imputat ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza lil Monte di Pieta’ sabiex jigi rilaxxjat id-deheb, huwa prezenta c-cedoli relattivi li kienu to bearer u d-deheb gie rialxxjat. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet ma jinkwadrax ruhu fid-definizzjoni ta’ dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika imsemmi fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------